**MT**

KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 15.12.2006
KUMM(2006) 799 finali

# RAPPORT MILL-KUMMISSJONI

## Rapport tal-Komunità Ewropea dwar il-Kwantitajiet Assenjati

**(meħtieġ skond l-Artikolu 7(1) tad-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 280/2004/KE dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ ta' l-emissjonijiet Komunitarji ta' gassijiet li jwasslu għall-effett tas-serra u biex jiġi implimentat il-Protokoll ta' Kjoto)**

# 1. DAĦLA

Dan ir-rapport jiġbor fil-qosor ir-rapport tekniku mħejji mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (minn hawn 'il quddiem "l-AEA"), li se jitressaq lis-Segretarjat tal-Konvenzjoni Kwadru dwar it-Tibdil fil-Klima tan-Nazzjonijiet Uniti ("l-UNFCCC") f'isem il-Komunità Ewropea ("il-KE"), bil-għan li jħaffef il-kalkolu tal-kwantità assenjata skond l-Artikoli 7 u 8 tal-Protokoll ta' Kjoto ("il-PK") u li juri l-kapaċità tal-KE biex tagħti rendikont ta' l-emissjonijiet u tal-kwantità assenjata tagħha għall-ewwel perjodu ta' impenn taħt il-PK ("ir-rapport dwar il-kwantitajiet assenjati").

Il-PK ġie rratifikat mill-KE u mill-Istati Membri tagħha (minn hawn 'il quddiem, minflok l-espressjonijiet l-'Istati Membri' jew 'Stat(i) Membru/i' jinkiteb "SM") il-31 ta' Mejju 2002. Fil-mument ta' din ir-ratifika, il-Komunità stqarret li hi u l-SM tagħha kienu se jżommu l-impenji rispettivi tagħhom ta' limitazzjoni u tnaqqis fl-emissjonijiet skond l-Artikoli 3(1) u 4 tal-Protokoll. Fiż-żmien tar-ratifika, kienu membri tal-KE l-15-il Stat li ġejjin: l-Awstrija, il-Belġju, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, il-Lussemburgu, l-Olanda, il-Portugall, ir-Renju Unit, Spanja u l-Iżvezja. Dawn kienu wkoll il-15-il Stat li kienu membri tal-KE meta l-PK ġie addottat f'Diċembru 1997. Skond l-Artikolu 4(4) tal-PK, l-adeżjoni ta' 10 SM oħra wara l-addozzjoni tal-Protokoll ma taffettwax l-impenji tal-Komunità taħt il-Protokoll. Għaldaqstant, il-kalkolu tal-kwantità assenjata tal-Komunità jirreferi għall-15-il SM elenkati hawn fuq (UE-15). Ir-rapport dwar il-kwantità assenjata jippreżenta wkoll tagħrif rigward it-tmien SM ġodda li kkwantifikaw l-obbligi tagħhom ta' limitazzjoni jew tnaqqis fl-emissjonijiet taħt il-PK (l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Repubblika Ċeka, is-Slovakkja, is-Slovenja u l-Ungerija). Ċipru u Malta ma għandhomx obbligu kkwantifikat ta' limitazzjoni jew tnaqqis fl-emissjonijiet tagħhom taħt il-PK, u għaldaqstant m'humiex inklużi f'dan ir-rapport.

Skond id-Deċiżjoni tal-UNFCCC 13/CMP.1 (*Modalitajiet għar-rendikont tal-kwantitajiet assenjati taħt l-Artikolu 7(4) tal-PK*), ir-rapport dwar il-kwantitajiet assenjati għandu jkun magħmul minn żewġ partijiet, kif ippreżentati hawn isfel.

# 2. PARTI 1

**a) Inventarji kompleti ta' l-emissjonijiet antropoġeniċi mill-għejun ta' gassijiet ta' l-effett tas-serra ("GHG"), u ta' l-assorbimenti tagħhom permezz ta' sinks**

L-inventarji kompleti ta' l-emissjonijiet antropoġeniċi mill-għejun ta' gassijiet ta' l-effett tas-serra mhux ikkontrollati mill-Protokoll ta' Montréal, kif ukoll ta' l-assorbimenti ta' GHG permezz ta' sinks, għal kull sena mill-1990 sa l-2004, huma inklużi fl-*Anness I* (rapport ta' l-inventarju tal-KE) u fl-*Anness II* (tabelli fi format komuni ta' rappurtar għall-UE-15 u għall-UE-25) tar-rapport tal-KE dwar il-kwantitajiet assenjati mħejji mill-AEA. It-tagħrif miġbur f'dawn l-inventarji ta' GHG jikkostitwixxi l-bażi għall-kalkolu tal-kwantità assenjata tal-KE, kif ippreżentat f'din il-Komunikazzjoni.

**b) L-identifikazzjoni tas-sena ta' bażi magħżula mill-Komunità Ewropea għall-HFCs, il-PFCs u l-$SF_6$ skond l-Artikolu 3(8)**

L-emissjonijiet tas-sena ta' bażi tal-KE huma s-somma ta' l-emissjonijiet tas-sena ta' bażi rispettivi tal-15-il SM li qablu li jaqdu l-impenji rispettivi tagħhom b'mod konġunt taħt l-Artikolu 3 tal-PK. Din ir-regola tirreferi wkoll għas-sena ta' bażi għall-karboni idrofluworidi (*hydrofluorocarbons* - HFCs), l-karboni perfluworidi (*perfluorocarbons* - PFCs) u l-eżafluworidu tal-kubrit (*sulphur hexafluoride* – $SF_6$). Għal dawn il-gassijiet, il-Partijiet inklużi fl-Anness I tal-PK jistgħu jagħżlu jew l-1995, skond l-Artikolu 3(8) tal-PK, jew is-sena ta' bażi għal gassijiet oħrajn ta' l-effett tas-serra fl-Anness A (l-aktar is-sena 1990). L-Awstrija, Franza u l-Italja għażlu l-1990 bħala s-sena ta' bażi għal dawn il-gassijiet, filwaqt li l-SM l-oħra kollha għażlu l-1995. Is-sena ta' bażi għal kull emissjoni oħra ta' GHG taħt il-PK hija l-1990 għall-UE-15.

Is-sena ta' bażi għall-HFCs, il-PFCs u l-$SF_6$ għall-SM il-ġodda b'impenji taħt il-PK hija l-1995, għajr għas-Slovakkja, li għażlet l-1990 bħala s-sena ta' bażi għall-gassijiet fluworinati. Is-sena ta' bażi għal kull emissjoni oħra ta' GHG taħt il-PK hija l-1990, għajr għall-Polonja (l-1988), is-Slovenja (1986) u l-Ungerija (1985-87).

**c) Il-ftehim taħt l-Artikolu 4, fejn il-Parti involuta laħqet tali ftehim biex taqdi l-impenn taħt l-Artikolu 3 b'mod konġunt mal-Partijiet l-oħra**

Il-PK, taħt l-Artikolu 4, jipprovdi lill-Partijiet l-opzjoni li jaqdu l-obbligi rispettivi tagħhom b'mod konġunt taħt l-Artikolu 3, billi jaħdmu fil-qafas ta' organizzazzjoni għall-integrazzjoni ekonomika reġjonali u id f'id magħha. Il-qbil tal-KE u l-SM tagħha biex iwettqu l-impenji rispettivi tagħhom taħt l-Artikolu 3(1) tal-PK b'mod konġunt ("il-ftehim ta' twettiq konġunt") stabbilixxa impenji kkwantifikati ta' limitazzjoni u tnaqqis fl-emissjonijiet għall-Komunità u l-SM tagħha għall-ewwel perjodu ta' impenn, mill-2008 sa l-2012. Dawn l-impenji jiddefinixxu l-kwantità assenjata ta' l-SM taħt il-PK. It-test sħiħ ta' dan il-ftehim jinsab fid-Deċiżjoni tal-Kunsill li japprova l-PK[1], u ġie nnotifikat lis-Segretarjat tal-UNFCCC malli saret ir-ratifika mill-Komunità u mill-SM tagħha.

**d) Il-kalkolu tal-kwantità assenjata tagħha skond l-Artikolu 3(7) u 3(8), abbażi ta' l-inventarju ta' emissjonijiet antropoġeniċi minn għejun ta' gassijiet ta' l-effett tas-serra ("GHG") mhux ikkontrollati mill-Protokoll ta' Montréal, kif ukoll ta' l-assorbimenti tagħhom permezz ta' sinks**

Il-kwantità assenjata tal-KE skond l-Artikolu 3(7) u 3(8) hija ugwali għal ħames darbiet il-perċentwali mniżżla għall-Komunità fl-Anness B tal-PK (92%) ta' l-emissjonijiet tas-sena ta' bażi tagħha. L-emissjonijiet tas-sena ta' bażi tal-Komunità jammontaw għal **4,276,359,577 tunnellata ekwivalenti ta' dijossidu tal-karbon ($CO_2$ eq.)**, u huma ugwali għas-somma ta' l-emissjonijiet tas-sena ta' bażi ta' gassijiet ta' l-effett tas-serra għall-UE-15. Il-kwantitajiet assenjati għall-KE u l-SM tagħha li joħorġu minn dan il-kalkolu huma stabbiliti fid-Deċiżjoni xxx/2006/KE[2]. Il-kwantità assenjata tal-Komunità hija **19,682,555,325 tunnellata ta' $CO_2$ eq.** Il-kalkoli tal-kwantità assenjata tal-Komunità, u l-kwantitajiet assenjati rispettivi ta' kull SM, jingħataw fit-Tabella 1. Il-kwantitajiet assenjati għall-SM il-ġodda jingħataw fit-Tabella 2. Il-kwantità assenjata għal kull SM se tinħareġ fir-reġistru tagħhom rispettiv.

Ir-reviżjoni tad-dejta ta' l-emissjonijiet ta' l-SM għas-sena ta' bażi taħt il-PK tirriżulta f'differenza aritmetika ta' **11,403,608 tunnellata ta'** bejn il-kwantità assenjata għall-KE u s-somma tal-kwantitajiet assenjati ta' kull wieħed mill-SM ta' l-UE-15. Skond id-Deċiżjoni xxx/2006/KE, din id-differenza għandha tinħareġ fir-reġistru tal-KE bħala unitajiet tal-kwantità assenjata.

1 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/358/KE tal-25 t'April 2002 dwar l-approvazzjoni, f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Protokoll ta' Kjoto għall-Konvenzjoni Kwadru tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u t-twettiq konġunt ta' l-obbligi tiegħu; ĠU L130, 15.5.2002, p.1.

2 Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni xx/2006/KE tal-xx ta' Diċembru 2006, li tiddetermina l-livelli rispettivi ta' emissjonijiet allokati lill-Komunità u lil kull wieħed mill-Istati Membri tagħha, taħt il-Protokoll ta' Kjoto skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/358/KE.

**Tabella 1: Emissjonijiet tas-sena ta' bażi u kwantitajiet assenjati tal-Komunità Ewropea u ta' l-SM inklużi fil-ftehim ta' twettiq konġunt**

| Stat Membru/KE | Emissjonijiet tas-sena ta' bażi<br><br>Tunnellati $CO_2$ eq. | Emissjonijiet fl-1990 minħabba t-tqaċċit tal-foresti (Art. 3(7) tal-Protokoll ta' Kjoto)<br><br>Tunnellati $CO_2$ eq. | Impenn ikkwantifikat ta' tnaqqis fl-emissjonijiet (Anness B tal-Protokoll ta' Kjoto)<br><br>% | Kwantità assenjata kkalkolata<br><br>Tunnellati $CO_2$ eq. |
|---|---|---|---|---|
| Il-Komunità Ewropea | **4,276,359,577** | **1,619,634** | **92%** | **19,682,555,325** |
| | | | **Impenn ikkwantifikat ta' limitazzjoni jew tnaqqis skond il-ftehim ta' twettiq konġunt** | |
| L-Awstrija | 78,959,404 | N/A | 87% | 343,473,407 |
| Il-Belġju | 146,890,526 | N/A | 92.5% | 679,368,682 |
| Id-Danimarka | 69,323,336 | L-ebda emissjoni minn tqaċċit tal-foresti | 79% | 273,827,177 |
| Il-Finlandja | 71,096,195 | N/A | 100% | 355,480,975 |
| Franza | 563,925,328 | N/A | 100% | 2,819,626,640 |
| Il-Ġermanja | 1,232,536,951 | N/A | 79% | 4,868,520,955 |
| Il-Greċja | 111,054,072 | N/A | 125% | 694,087,947 |
| L-Irlanda | 55,780,237 | L-ebda emissjoni minn tqaċċit tal-foresti | 113% | 315,158,338 |
| L-Italja | 519,464,323 | N/A | 93.5% | 2,428,495,710 |
| Il-Lussemburgu | 12,688,140 | N/A | 72% | 45,677,304 |
| L-Olanda | 214,588,451 | 280,212 | 94% | 1,008,565,720 |
| Il-Portugall | 60,938,032 | 973,829 | 127% | 386,956,503 |
| Ir-Renju Unit | 779,904,144 | 365,593 | 87.5% | 3,412,080,630 |
| Spanja | 289,385,637 | N/A | 115% | 1,663,967,412 |
| L-Iżvezja | 72,281,599 | N/A | 104% | 375,864,317 |

* L-emissjonijiet tas-sena ta' bażi jeskludu l-emissjonijiet u l-assorbimenti kkaġunati mis-settur ta' l-użu ta' l-art, il-bidla fl-użu ta' l-art u l-forestrija (LULUCF), iżda jinkludu l-emissjonijiet ikkaġunati mit-tqaċċit tal-foresti għal dawk l-SM li jistgħu japplikaw l-Artikolu 3(7) tal-PK. Bosta SM aġġornaw l-inventarji tagħhom ta' GHG għall-għan ta' dan ir-rapport, bi tqabbil ma' l-inventarju ta' gassijiet ta' l-effett tas-serra mressaq lill-UNFCCC f'April 2006.

**Tabella 2: Emissjonijiet tas-sena ta' bażi u kwantitajiet assenjati ta' l-SM il-ġodda b'impenji taħt l-Art. 3 tal-PK**

| **Stat Membru** | **Emissjonijiet tas-sena ta' bażi għajr dawk ikkaġunati mil-LULUCF** | **Emissjonijiet fl-1990 ikkaġunati mit-tqaċċit tal-foresti, li jistgħu jintgħaddu skond l-Art. 3.7 tal-Protokoll ta' Kjoto** | **Impenn ikkwantifikat ta' tnaqqis fl-emissjonijiet (Anness B tal-Protokoll ta' Kjoto)** | **Kwantità assenjata kkalkolata** |
|---|---|---|---|---|
| | Tunnellati $CO_2$ eq. | | % | Tunnellati $CO_2$ eq. |
| L-Estonja | 43,022,295 | N/A | 92% | 197,902,558 |
| Il-Latvja | 25,894,218 | N/A | 92% | 119,113,402 |
| Il-Litwanja | 48,103,464 | N/A | 92% | 221,275,934 |
| Il-Polonja[3] | 565,829,000 | N/A | 94% | 2,673,496,300 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 196,280,576 | N/A | 92% | 902,890,649 |
| Is-Slovakkja | 73,360,100 | N/A | 92% | 337,456,459 |
| Is-Slovenja | 20,203,252 | N/A | 92% | 92,934,961 |
| L-Ungerija | 123,034,090 | N/A | 94% | 578,260,222 |

## 3. PARTI 2

**a) Il-kalkolu tar-riserva għall-perjodu ta' impenn skond id-Deċiżjoni 11/CMP.1**

Ir-Riserva għall-Perjodu ta' Impenn (is-CPR, *Commitment Period Reserve*) hija l-inqas ammont minn: jew 90% tal-kwantità assenjata ta' Parti kkalkulata skond l-Artikolu 3(7) u 3(8) tal-PK, jew 100% ta' ħames darbiet l-inventarju li jkun ġie rrivedut l-aħħar. It-Tabella 3 turi s-CPRs għall-Istati Membri ta' l-UE-15 u għall-Komunità Ewropea. It-Tabella 4 turi r-riservi għall-perjodu ta' impenn għal dawk l-SM il-ġodda b'impenji kkwantifikati ta' limitazzjoni jew tnaqqis fl-emissjonijiet skond l-Art. 3 tal-PK.

[3] Il-Polonja ma pprovdietx is-serje sħiħa ta' perjodi ta' l-emissjonijiet ta' GHG qabel l-2004. Id-dejta tas-sena ta' bażi li tingħata fit-tabella hija dik imressqa lill-Kummissjoni is-26 ta' Ġunju 2006. Il-Polonja rrappurtat il-kwantità assenjata totali tagħha separatament. Din il-kwantità totali tingħata fit-tabella, iżda mhijiex konsistenti ma' din id-dejta.

**Tabella 3: Is-CPR tal-KE u ta' l-Istati Membri ta' l-UE-15**

| Stat Membru/KE | Kwantità assenjata kkalkolata<br><br>Tunnellati $CO_2$ eq. | CPR(Metodu għall-kalkolu tas- CPR: 90% tal-kwantità assenjata)<br><br>Tunnellati $CO_2$ eq. |
|---|---|---|
| Il-Komunità Ewropea | | 17,704,036,546 |
| L-Awstrija | 343,473,407 | 309,126,066 |
| Il-Belġju | 679,368,682 | 611,431,814 |
| Id-Danimarka | 273,827,177 | 246,444,459 |
| Il-Finlandja | 355,480,975 | 319,932,878 |
| Franza | 2,819,626,640 | 2,537,663,976 |
| Il-Ġermanja | 4,868,520,955 | 4,381,668,860 |
| Il-Greċja | 694,087,947 | 624,679,152 |
| L-Irlanda | 315,158,338 | 283,642,504 |
| L-Italja | 2,428,495,710 | 2,185,646,139 |
| Il-Lussemburgu | 45,677,304 | 41,109,574 |
| L-Olanda | 1,008,565,720 | 907,709,148 |
| Il-Portugall | 386,956,503 | 348,260,853 |
| Ir-Renju Unit | 3,412,080,630 | 3,070,872,567 |
| Spanja | 1,663,967,412 | 1,497,570,671 |
| L-Iżvezja | 375,864,317 | 338,277,885 |

**Tabella 4: Is-CPRs ta' l-SM il-ġodda b'impenji skond l-Artikolu 3 tal-PK**

| Stat Membru | CPR<br><br>Tunnellati $CO_2$ eq. | Metodu għall-kalkolu tas-CPR |
|---|---|---|
| L-Estonja | 106,806,120 | 5 * l-inventarju ta' l-2004 |
| Il-Latvja | 53,730,643 | 5 * l-inventarju ta' l-2004 |
| Il-Litwanja | 105,251,557 | 5 * l-inventarju ta' l-2004 |
| Il-Polonja | 1,942,365,000 | 5 * l-inventarju ta' l-2004 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 735,719,710 | 5 * l-inventarju ta' l-2003 |
| Is-Slovakkja | 255,230,824 | 5 * l-inventarju ta' l-2004 |
| Is-Slovenja | 83,641,463 | 90% tal-kwantità assenjata |
| L-Ungerija | 419,762,705 | 5 * l-inventarju ta' l-2004 |

**b) L-identifikazzjoni ta' l-għażla ta' valuri minimi singoli għall-kopertura tal-qċaċet tas-siġar, l-erja ta' l-art u l-għoli tas-siġar, għall-użu fir-rendikont skond l-Artikolu 3(3) u 3(4)**

L-Istati Membri għażlu valuri ta' limitu għad-definizzjoni ta' foresta, għall-għan tar-rappurtar dwar l-attivitajiet ta' tisġir, tisġir mill-ġdid u tqaċċit tal-foresti, skond l-Artikolu 3(3) tal-PK. Peress li l-KE

tgħaqqad flimkien it-tagħrif ta' l-SM, dawn għażlu valuri ta' limitu għall-valuri minimi singoli meħtieġa għall-kopertura tal-qċaċet tas-siġar, għall-erja ta' l-art u għall-għoli tas-siġar, skond id-definizzjoni ta' foresta użata fir-rappurtaġġ lill-Organizzazzjoni għall-Ikel u l-Agrikultura (il-FAO). It-Tabella 5 tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-għażliet ta' l-SM, kif imniżżlin fir-rapporti tagħhom biex jiffaċilitaw il-kalkolu tal-kwantità assenjata. It-Tabella 6 tipprovdi l-istess ħarsa ġenerali għall-SM il-ġodda.

**Tabella 5: Għażla tal-valuri ta' limitu ta' l-Istati Membri ta' l-UE-15 għad-definizzjoni ta' foresta għar-rappurtar skond l-Artikolu 3(3)**

| Stat Membru | Valur minimu għall-kopertura tal-qċaċet tas-siġar (%) | Għoli minimu tas-siġar (metri) | Erja minima għall-erja ta' l-art tal-foresta (ettari) |
|---|---|---|---|
| L-Awstrija | 30 % | 2 | 0.05 |
| Il-Belġju | 20 % | 5 | 0.5 |
| Id-Danimarka | 10 % | 5 | 0.5 |
| Il-Finlandja | 10 % | 5 | 0.5 |
| Franza | 10 % | 5 | 0.5 |
| Il-Ġermanja | 10 % | 5 | 0.1 |
| Il-Greċja | Mhux sottomess | Mhux sottomess | Mhux sottomess |
| L-Irlanda | 20 % | 5 | 0.1 |
| L-Italja | 10 % | 5 | 0.5 |
| Il-Lussemburgu | 10 % | 5 | 0.5 |
| L-Olanda | 20 % | 5 | 0.5 |
| Il-Portugall | 10 % | 5 | 1 |
| Ir-Renju Unit | 20 % | 2 | 0.1 |
| Spanja | 20 % | 3 | 1 |
| L-Iżvezja | 10 % | 5 | 0.5 |

**Tabella 6: Għażla tal-valuri ta' limitu ta' l-SM il-ġodda għad-definizzjoni ta' foresta għar-rappurtar skond l-Artikolu 3(3)**

| Stat Membru | Valur minimu għall-kopertura tal-qċaċet tas-siġar (%) | Għoli minimu tas-siġar (metri) | Erja minima għall-erja ta' l-art tal-foresta (ettari) |
|---|---|---|---|
| L-Estonja | 30 % | 1.3 | 0.5 |
| Il-Latvja | 20 % | 5 | 0.1 |
| Il-Litwanja | 10 % | 5 | 0.1 |
| Il-Polonja | 10 % | 2 | 0.1 |
| Ir-Repubblika Ċeka | 30 % | 2 | 0.05 |
| Is-Slovakkja | 20 % | 5 | 0.3 |
| Is-Slovenja | 30 % | 2 | 0.05 |
| L-Ungerija | 30 % | 5 | 0.5 |

**c) L-identifikazzjoni ta' l-għażla ta' l-attivitajiet taħt l-Artikolu 3(4) li għandhom ikunu inklużi fir-rendikont ta' l-ewwel perjodu ta' impenn**

L-Artikolu 3(4) tal-PK jipprovdi l-opzjoni li l-attivitajiet tal-ġestjoni tal-foresti, il-ġestjoni ta' l-uċuħ tar-raba', il-ġestjoni ta' l-art għall-mergħa u t-tkabbir mill-ġdid ikunu inklużi fir-rendikont ta' l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet ta' l-effett tas-serra fl-ewwel perjodu ta' impenn. L-SM għamlu l-għażla tagħhom ta' dawn l-attivitajiet fir-rapporti nazzjonali tagħhom taħt il-PK. Il-kalkolu

ta' l-inventarju u tal-kwantità assenjata tal-KE huwa bbażat fuq l-għażla ta' dawn l-attivitajiet min-naħa ta l-UE-15. It-Tabella 7 tagħti ħarsa ġenerali lejn l-għażliet ta' l-attivitajiet taħt l-Artikolu 3(4) li għamlu l-SM ta' l-UE-15, kif imniżżlin fir-rapporti tagħhom biex iħaffu l-kalkolu tal-kwantità assenjata. It-Tabella 8 turi d-deċiżjonijiet meħuda mill-Istati Membri l-ġodda rigward l-għażliet taħt l-Artikolu 3(4).

**Tabella 7: Għażliet ta' l-attivitajiet taħt l-Artikolu 3(4) mill-Istati Membri ta' l-UE-15**

| Stat Membru | Ġestjoni tal-foresti | Ġestjoni ta' l-uċuħ tar-raba' | Ġestjoni ta' l-art għall-mergħa |
|---|---|---|---|
| L-Awstrija | - | - | - |
| Il-Belġju | - | - | - |
| Id-Danimarka | X | X | X |
| Il-Finlandja | Mhux deċiż | Mhux deċiż | Mhux deċiż |
| Franza | X | - | - |
| Il-Ġermanja | Mhux deċiż | Mhux deċiż | Mhux deċiż |
| Il-Greċja | Mhux deċiż | Mhux deċiż | Mhux deċiż |
| L-Irlanda | - | - | - |
| L-Italja | X | - | - |
| Il-Lussemburgu | - | - | - |
| L-Olanda | - | - | - |
| Il-Portugall | X | X | X |
| Ir-Renju Unit | X | - | - |
| Spanja | X | X | - |
| L-Iżvezja | X | - | - |

**Tabella 8: Għażliet ta' l-attivitajiet taħt l-Artikolu 3(4) mill-Istati Membri l-ġodda**

| Stat Membru | Ġestjoni tal-foresti | Ġestjoni ta' l-uċuħ tar-raba' | Ġestjoni ta' l-art għall-mergħa |
|---|---|---|---|
| L-Estonja | - | - | - |
| Il-Latvja | - | - | - |
| Il-Litwanja | X | - | - |
| Il-Polonja | X | Mhux deċiż | Mhux deċiż |
| Ir-Repubblika Ċeka | X | - | - |
| Is-Slovakkja | - | - | - |
| Is-Slovenja | X | - | - |
| L-Ungerija | X | - | - |

**d) L-identifikazzjoni tal-frekwenza tal-kalkoli għal kull attività taħt l-Artikolu 3(3) u 3(4)**

L-SM jindikaw il-frekwenza tal-kalkoli għall-attivitajiet taħt l-Artikolu 3(3) u 3(4) fir-rapporti rispettivi tagħhom, sabiex iħaffu l-kalkolu tal-kwantità assenjata. It-Tabelli 9 u 10 juru l-għażliet ta' l-SM.

**Tabella 9: L-għażliet tal-frekwenza tal-kalkoli mill-Istati Membri ta' l-UE-15**

| **Stat Membru** | **Kalkoli annwali għal kull attività taħt l-Artikolu 3(3) u 3(4)** | **Kalkoli fi tmiem l-ewwel perjodu ta' impenn, għal** |
|---|---|---|
| L-Awstrija | | kull attività taħt l-Artikolu 3(3) |
| Il-Belġju | | kull attività taħt l-Artikolu 3(3) |
| Id-Danimarka | X | |
| Il-Finlandja | | kull attività taħt l-Artikolu 3(3). Għall-attivitajiet taħt l-Artikolu 3(4), għadu mhux deċiż |
| Franza | X | |
| Il-Ġermanja | Mhux deċiż | Mhux deċiż |
| Il-Greċja | Mhux deċiż | Mhux deċiż |
| L-Irlanda | | kull attività taħt l-Artikolu 3(3) |
| L-Italja | | kull attività taħt l-Artikolu 3(3) u 3(4) |
| Il-Lussemburgu | | kull attività taħt l-Artikolu 3(3) |
| L-Olanda | | kull attività taħt l-Artikolu 3(3) |
| Il-Portugall | | kull attività taħt l-Artikolu 3(3) u 3(4) |
| Ir-Renju Unit | | kull attività taħt l-Artikolu 3(3), u l-ġestjoni tal-foresti taħt l-Artikolu 3(4) |
| Spanja | | kull attività taħt l-Artikolu 3(3) u 3(4) |
| L-Iżvezja | | kull attività taħt l-Artikolu 3(3), u l-ġestjoni tal-foresti taħt l-Artikolu 3(4) |

**Tabella 10: L-għażliet tal-frekwenza tal-kalkoli mill-Istati Membri l-ġodda**

| **Stat Membru** | **Kalkoli annwali** | **Kalkoli fi tmiem l-ewwel perjodu ta' impenn, għal** |
|---|---|---|
| L-Estonja | | kull attività taħt l-Artikolu 3(3) |
| Il-Latvja | | kull attività taħt l-Artikolu 3(3) |
| Il-Litwanja | | kull attività taħt l-Artikolu 3(3), u l-ġestjoni tal-foresti taħt l-Artikolu 3(4) |
| Il-Polonja | | kull attività taħt l-Artikolu 3(3), u l-ġestjoni tal-foresti taħt l-Artikolu 3(4) |

| | | |
|---|---|---|
| Ir-Repubblika Ċeka | | kull attività taħt l-Artikolu 3(3), u l-ġestjoni tal-foresti taħt l-Artikolu 3(4) |
| Is-Slovakkja | | kull attività taħt l-Artikolu 3(3) |
| Is-Slovenja | | kull attività taħt l-Artikolu 3(3), u l-ġestjoni tal-foresti taħt l-Artikolu 3(4) |
| L-Ungerija | kull attività taħt l-Artikolu 3(3), u l-ġestjoni tal-foresti taħt l-Artikolu 3(4) | |

Kull SM għandu jagħti rendikont ta' l-emissjonijiet u assorbimenti netti tagħhom għal kull attività taħt l-Artikolu 3(3), kif ukoll taħt l-Artikolu 3(4) skond l-għażla, billi joħorġu unitajiet ta' assorbiment (*removal units* jew RMUs) jew billi jħassru unitajiet tal-PK, fuq il-bażi ta' l-emissjonijiet u l-assorbimenti rrappurtati korrispondenti minn dawn l-attivitajiet kif ukoll tar-regoli speċifiċi tal-kalkolu. Il-KE mhix se toħroġ jew tħassar unitajiet fuq il-bażi ta' l-emissjonijiet u l-assorbimenti rrappurtati minn attivitajiet taħt l-Artikolu 3(3) u 3(4). Il-KE se tirrapporta s-somma tal-kwantitajiet kumulattivi tal-kalkoli għal dawn l-attivitajiet fi tmiem il-perjodu ta' impenn. Din is-somma se tirrappreżenta ż-żieda jew it-tnaqqis kumulattiv tal-kwantitajiet assenjati ta' l-Istati Membri fi tmiem il-perjodu ta' impenn.

**e) Deskrizzjoni tas-sistema nazzjonali skond l-Artikolu 5(1), ippreżentata skond il-linji ta' gwida għat-tħejjija tat-tagħrif meħtieġ skond l-Artikolu 7 tal-Protokoll ta' Kjoto**

L-għan tas-sistema Komunitarja ta' l-inventarji huwa li tiżgura li l-inventarji ssottomessi lill-UNFCCC mill-SM u l-Komunità jkunu preċiżi, komparabbli, konsistenti, kompleti, trasparenti u f'waqthom, skond il-Linji ta' Gwida tal-UNFCCC għall-inventarji annwali.

Il-Figura 1 turi s-sistema ta' l-inventarji tal-KE. Id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea (DĠ għall-Ambjent) huwa responsabbli tat-tħejjija ta' l-inventarju tal-KE, filwaqt li kull Stat Membru huwa responsabbli tat-tħejjija ta' l-inventarju tiegħu, li jservi mbagħad ta' bażi għall-inventarju tal-KE. L-istituzzjonijiet li ġejjin jgħinu lid-DĠ għall-Ambjent fit-tħejjija ta' l-inventarju: l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (AEA) u ċ-Ċentru Topiku Ewropew għat-Tibdil fl-Arja u fil-Klima (ETC/ACC) li huwa parti minnha, kif ukoll id-DĠ tal-Kummissjoni Ewropea li ġejjin: l-Eurostat u ċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka (JRC).

**Figura 1: Sistema ta' l-inventarji tal-KE**



*Il-Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali għall-Ambjent*

Id-DĠ għall-Ambjent, b'konsultazzjoni ma' l-SM, għandu r-responsabbiltà globali ta' l-inventarju tal-Komunità. L-SM għandhom jissottomettu l-inventarji nazzjonali u r-rapporti dwar l-inventarji tagħhom lid-DĠ għall-Ambjent tal-Kummissjoni Ewropea, skond id-Deċiżjoni 280/2004/KE[4] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill; imbagħad, id-DĠ għall-Ambjent tal-Kummissjoni Ewropea jissottometti l-inventarju u r-rapport dwar l-inventarju tal-KE lis-Segretarjat tal-UNFCCC.

- Il-Kumitat dwar it-Tibdil fil-Klima (*Climate Change Committee* jew CCC), imwaqqaf bl-Artikolu 9 tad-Deċiżjoni 280/2004/KE, jipprovdi għajnuna lill-Kummissjoni. Il-Kumitat huwa magħmul minn rappreżentanti ta' l-SM, u huwa presedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni. Il-Grupp ta' Ħidma 1, "Inventarji annwali", twaqqaf taħt is-CCC bħala korp regulari għall-iskambju ta' tagħrif bejn il-Kummissjoni Ewropea (DĠ għall-Ambjent, il-Eurostat u Ċentru Konġunt għar-Riċerka (JRC)), l-AEA (ETC/ACC) u l-Istati Membri.

*L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (AEA)*

L-AEA tgħin lid-DĠ għall-Ambjent permezz tal-ħidma ta' l-ETC/ACC. L-ETC/ACC jgħin lill-AEA fl-attivitajiet li ġejjin:

- It-tħejjija ta' verifiki inizzjali tat-tagħrif sottomess mill-Istati Membri, bil-kooperazzjoni tal-Eurostat u tal-JRC, sat-28 ta' Frar; wara dan, iċ-ċirkolazzjoni tar-riżultati tal-verifiki inizzjali (rapporti dwar l-istatus, u rapporti dwar il-konsistenza u l-kompletezza);
- Il-konsultazzjoni ma' l-Istati Membri biex ikunu ċċarati d-dejta jew tagħrif ieħor ipprovduti, skond ma jkun meħtieġ;
- It-tħejjija u ċ-ċirkolazzjoni ta' l-abbozzi ta' l-inventarju u tar-rapport dwar l-inventarju tal-KE, skond it-tagħrif sottomess mill-Istati Membri, sat-28 ta' Frar;
- It-tħejjija ta' l-inventarju u r-rapport dwar l-inventarju finali tal-KE (li għandhom ikunu ssottomessi mill-Kummissjoni lis-Segretarjat tal-UNFCC), sal-15 ta' April;
- Għajnuna lill-Istati Membri fl-irrappurtar tagħhom ta' inventarji tal-GHG, permezz tal-forniment ta' għodda ta' softwer;
- Iż-żamma tal-ġabra-dati ta' l-inventarji kif ukoll ta' l-arkivji ta' l-inventarji;
- It-twettiq ta' proċeduri ta' assigurazzjoni u ta' kontroll tal-kwalità (QA/QC) għall-inventarju tal-KE, kif imfissrin fil-programm ta' QA/QC tal-KE.

L-attivitajiet speċifiċi ta' l-AEA u ta' l-ETC/ACC huma mfissrin fil-pjani annwali ta' ġestjoni rispettivi. Il-kompiti ta' l-AEA u ta' l-ETC/ACC huma ffaċilitati min-Netwerk Ewropew għall-Informazzjoni u l-Osservazzjoni ta' l-Ambjent (l-Eionet), li huwa magħmul mill-AEA bħala l-punt nodali (bl-appoġġ ta' ċentri topiċi Ewropej) u minn istituzzjonijiet nazzjonali fil-pajjiżi membri ta' l-AEA li jipprovdu u/jew janalizzaw id-dejta nazzjonali dwar l-ambjent (ara http://eionet.eea.eu.int). L-SM jitħeġġu jużaw il-bank ċentrali tad-dejta ta' l-Eionet, sabiex jagħmlu disponibbli t-tagħrif sottomess minnhom dwar il-GHG lill-Kummissjoni Ewropea u lill-ETC/ACC (ara http://cdr.eionet.eu.int).

---

4 Id-Deċiżjoni 280/2004/KE tal-11 ta' Frar 2004 dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ ta' l-emissjonijiet Komunitarji tal-gassijiet li jwasslu għall-effett serra u biex jiġi implimentat il-Protokoll ta' Kjoto.

***Iċ-Ċentru Ewropew għat-Tibdil fl-Arja u fil-Klima (ETC/ACC)***

L-ETC/ACC twaqqaf permezz ta' kuntratt iffirmat f'Marzu 2001 bejn l-organizzazzjoni ewlenija Milieu-en-Natuurplanbureau (MNP) fl-Olanda u bejn l-AEA. Kuntratt ta' qafas aġġornat se jibda mill-1 ta' Jannar 2007, u se jkun ta' erba' snin, jiġifieri sa l-2010. L-ETC/ACC iħaddan 11-il organizzazzjoni u istituzzjoni fi tmien pajjiżi Ewropej. L-attivitajiet speċifiċi ta' l-ETC/ACC huma mfissrin fil-pjani annwali ta' ġestjoni rispettivi.

***DĠ tal-Eurostat***

Id-DĠ Eurostat jipprovdi għajnuna lid-DĠ għall-Ambjent u jikkoopera ma' l-AEA f'attivitajiet ta' QA/QC, kif deskritti fil-programm tal-QA/QC. Jiffoka fuq id-dejta dwar l-attivitajiet, partikularment fuq id-dejta dwar l-enerġija. L-attivitajiet speċifiċi tad-DĠ Eurostat huma mfissrin fil-pjani annwali ta' ġestjoni rispettivi.

***DĠ taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka (DĠ ĊKR)***

Id-DĠ ĊKR jipprovdi għajnuna lid-DĠ għall-Ambjent u jikkoopera ma' l-AEA f'attivitajiet ta' QA/QC ta' l-inventarju tal-KE. Jiffoka fuq is-settur tal-LULUCF u fuq il-biedja. Id-DĠ ĊKR jagħmel dawn l-attivitajiet b'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-SM u mal-komunità tar-riċerka. L-attivitajiet speċifiċi tad-DĠ ĊKR huma mfissrin fil-pjani annwali ta' ġestjoni rispettivi.

***L-Istati Membri (l-SM)***

L-inventarju tal-KE jissejjes fuq l-inventarji pprovduti mill-SM. L-istima totali ta' l-emissjonijiet ta' GHG mill-Komunità għandha tirrifletti bi preċiżjoni s-somma ta' l-inventarji nazzjonali ta' GHG ta' l-Istati Membri. F'idejn l-SM li jagħżlu d-dejta ta' l-attivitajiet, il-fatturi ta' l-emissjoni u parametri oħra mħaddma fl-inventarji nazzjonali tagħhom, kif ukoll l-applikazzjoni korretta tal-metodoloġiji pprovduti fil-Linji ta' Gwida tal-Bord Intergovernattiv dwar it-Tibdil fil-Klima (l-IPCC), fil-Linji ta' Gwida ta' Prattika Tajba ta' l-IPCC, u fil-Linji ta' Gwida ta' l-IPCC għal-LULUCF. F'idejn l-SM ukoll li jistabbilixxu l-programmi ta' QA/QC għall-inventarji tagħhom.

Il-bażi legali għat-tfassil ta' l-inventarju tal-KE hija d-Deċiżjoni 280/2004/KE.

Skond id-Deċiżjoni 280/2004/KE, kull Stat Membru għandu jwaqqaf sistema nazzjonali. Ir-rekwiżiti ta' rappurtar għall-SM skond id-Deċiżjoni 280/2004/KE huma elaborati aktar fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/166/KE li tistipula r-regoli għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 280/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar mekkaniżmu għall-monitoraġġ ta' l-emissjonijiet Komunitarji ta' gassijiet li jwasslu għall-effett ta' serra u biex jiġi implimentat il-Protokoll ta' Kjoto[5].

***Proċeduri annwali***

Il-proċess annwali tat-tfassil ta' l-inventarju tal-Komunità jinkludi l-elementi ewlenin li ġejjin: Sal-15 ta' Jannar ta' kull sena, l-SM jissottomettu l-inventarju annwali tagħhom ta' GHG lid-DĠ għall-Ambjent tal-Kummissjoni Ewropea. Wara dan, sat-28 ta' Frar, l-ETC/ACC, il-Eurostat u l-JRC jagħmlu verifiki inizzjali tad-dejta ssottomessa. It-28 ta' Frar, l-abbozzi ta' l-inventarju tal-GHG u tar-rapport dwar l-inventarji jintbagħtu lill-SM għall-kummenti tagħhom. L-SM jivverifikaw id-dejta u t-tagħrif nazzjonali mħaddma fir-rapport dwar l-inventarju tal-KE, u jekk ikun meħtieġ, jibagħtu kummenti u aġġornamenti sal-15 ta' Marzu. Dan il-proċess jiżgura li l-inventarju tal-GHG u r-rapport dwar l-inventarju jkunu ssottomessi lis-Segretarjat tal-UNFCCC fi żmien xieraq, filwaqt li jiggarantixxi li t-tagħrif issottomess mill-KE lis-Segretarjat tal-UNFCCC jkun konsistenti mat-tagħrif issottomess lill-istess Segretarjat mill-Istati Membri.

---

[5] ĠU L 55, 1.3.2005, p. 57.

*L-assigurazzjoni tal-kwalità u l-kontroll tal-kwalità (QA/QC) ta' l-inventarju tal-Komunità Ewropea*

Il-Kummissjoni Ewropea (id-DĠ għall-Ambjent) hija responsabbli tal-koordinament ta' l-attivitajiet ta' QA/QC għall-inventarju ta' gassijiet ta' l-effett tas-serra tal-KE, u għandha tiżgura li l-għanijiet tal-programm ta' QA/QC ikunu implimentati u li jitfassal pjan ta' QA/QC. L-AEA hija responsabbli ta' l-implimentar annwali tal-proċeduri ta' QA/QC għall-inventarju tal-KE.

Peress li l-inventarju tal-Komunità huwa bbażat fuq l-inventarji annwali ta' l-SM, il-kwalità tiegħu jiddipendi mill-kwalità ta' l-inventarji ta' l-SM, mill-kwalità tal-proċeduri ta' QA/QC imwettqa mill-SM, u mill-kwalità tal-proċess ta' tfassil ta' l-inventarju tal-KE. L-SM, kif ukoll il-KE sħiħa, bħalissa qegħdin jimplimentaw proċeduri ta' QA/QC sabiex ikunu konformi mal-Linji ta' Gwida ta' Prattika Tajba ta' l-IPCC.

Il-Komunità fasslet programm ta' QA/QC li jiddeskrivi l-għanijiet ta' kwalità u l-pjan ta' QA/QC għall-inventarju, inklużi r-responsabbiltajiet u l-iskedi ta' żmien għat-twettiq tal-proċeduri ta' QA/QC. Il-programm ta' QA/QC tal-Komunità jiġi rrivedut kull sena, u jiġi mmodifikat jew aġġornat kull meta jkun meħtieġ.

L-għanijiet ġenerali tal-programm ta' QA/QC tal-KE huma:

- li jipprovdi inventarju ta' l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' GHG mill-KE li jkun konsistenti mas-somma ta' l-inventarji ta' l-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' GHG mill-SM;

- li jistabbilixxi proċeduri xierqa ta' QA/QC fil-livell tal-KE, bil-għan li jkun hemm konformità mar-rekwiżiti tal-UNFCCC u tal-PK;

- li jagħti sehem fit-titjib tal-kwalità ta' l-inventarji ta' l-SM, u

- li jipprovdi għajnuna għall-implimentazzjoni ta' programm nazzjonali ta' QA/QC.

Ġew stabbiliti xi għanijiet speċifiċi oħrajn biex jiżguraw li l-inventarju tal-Komunità jkun konformi mal-prinċipji tal-UNFCCC għall-inventarji, jiġifieri t-trasparenza, il-kompletezza, il-konsistenza, il-komparabbiltà, il-preċiżjoni u l-puntwalità.

Barra min dan, ġie elaborat pjan ta' QA/QC. Dan il-pjan jagħti elenku tal-proċeduri ta' kontroll ta' kwalità (QC) li għandhom jitwettqu qabel it-tfassil ta' l-inventarju u matulu. Huma inklużi wkoll proċeduri ta' assigurazzjoni tal-kwalità (QA), proċeduri għad-dokumentazzjoni u l-arkivjar, is-skemi ta' żmien għall-proċeduri ta' QA/QC, u d-dispożizzjonijiet marbutin mal-pjan ta' titjib ta' l-inventarju.

Il-proċeduri ta' QC jsiru f'bosta stadji matul it-tħejjija ta' l-inventarju tal-KE. L-ewwelnett, tintuża firxa ta' verifiki biex tiddetermina l-konsistenza u l-kompletezza tad-dejta ta' l-SM, bil-għan li din tkun ikkompilata f'livell Komunitarju b'mod trasparenti. It-tieni, isiru bosta verifiki biex jiżguraw li d-dejta tkun ikkompilata f'livell Komunitarju b'mod korrett, u b'hekk ikunu sodisfatti r-rekwiżiti ġenerali ta' rrappurtar. It-tielet, isiru għadd ta' verifiki fir-rigward ta' l-arkivjar u d-dokumentar tad-dejta, sabiex jintlaħqu bosta għanijiet oħra marbutin mal-kwalità tad-dejta.

Tfassal manwal għall-ġestjoni tal-kwalità bbażat fuq il-programm ta' QA/QC tal-KE. Dan il-manwal jiġbor fih id-dettalji speċifiċi kollha tal-proċeduri ta' QA/QC (b'mod partikulari listi ta' kontroll u formoli). Il-manwal tal-KE għall-ġestjoni tal-kwalità huwa strutturat skond tliet proċessi ewlenin (proċessi ta' ġestjoni, proċessi ta' tfassil ta' l-inventarju, u proċessi ta' appoġġ) tas-sistema ta' ġestjoni tal-kwalità.

Il-verifiki ta' kwalità li jsiru matul il-proċess ta' tfassil ta' l-inventarju jikkostitwxxu l-qofol tal-manwal ta' kwalità. Il-verifiki tal-kwalità jsiru fi tliet livelli differenti: a) Kontroll tal-kwalità tat-tagħrif

sottomess mill-SM, b) Kontroll tal-kwalità tat-tfassil ta' l-inventarju tal-KE, u c) Verifiki tal-kwalità tar-rapport dwar l-inventarju tal-KE.

**f) Deskrizzjoni tar-reġistru nazzjonali, irrappurtata skond il-linji ta' gwida għat-tħejjija tat-tagħrif meħtieġ skond l-Artikolu 7 tal-Protokoll ta' Kjoto**

Id-deskrizzjoni tar-reġistru nazzjonali tal-KE ssegwi l-linji ta' gwida għar-rappurtar li jinsabu mniżżlin fid-Deċiżjoni 15/CMP.1, parti II (Ir-rappurtar ta' tagħrif addizzjonali taħt l-Artikolu 7(1), E. Reġistri nazzjonali) taħt il-PK. Ir-reġistru tal-KE jinżamm mid-DĠ għall-Ambjent, u bħalissa ma jintuża flimkien mar-reġistru ta' l-ebda Parti oħra f'sistema kkonsolidata. Is-softwer imħaddem għall-ġestjoni tar-Reġistru tal-KE ġie żviluppat għall-għanijiet ta' l-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet, kemm taħt l-iskema ta' l-UE għall-iskambju ta' kwoti kif ukoll taħt il-PK. It-tnejn li huma jeħtieġu li r-reġistri tal-partijiet involuti jkunu konformi ma' l-Istandards tan-NU għall-Iskambju tad-Dejta, speċifikati għall-PK.

Kwalunkwe nuqqas ta' qbil li jista' jinqala' bejn ir-Reġistru tal-KE u r-reġistru tat-tranżazzjonijiet tan-NU (l-*Independent Transaction Log*) ikun minimizzat permezz ta' l-istrateġija addottata għall-iżvilupp tas-sistema tar-Reġistri fil-kuntest ta' l-Iskema ta' l-UE għall-Iskambju ta' Kwoti ta' Emissjonijiet. Ittieħdu wkoll għadd ta' miżuri ta' sigurtà biex jiskoraġġixxu t-tbagħbis mhux awtorizzat u biex jimminimizzaw l-iżbalji ta' operat. L-aċċess pubbliku għat-tagħrif relevanti fir-reġistru tal-KE ser jingħata skond il-liġi internazzjonali u tal-KE, kif ukoll skond ir-rekwiżiti tal-PK.